MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 08 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1419/2002/1

**Avviz Numru 1419/02 AJD**
**Pater Finance Co. Limited**

**vs**

**Frederick Zammit u martu Margaret Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Gunju, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1,300.00) rappresentanti import ta' tlettax il-kambjala kollha ta' Lm100.00 –il wahda debitament accettati u skaduti minn April 2001 sa April 2002 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 13).

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju 2002 jammontaw ghal Lm73.00, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-21 ta' Frar 2002 kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, baqghu ma dehrux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata mis-socjeta' attrici fl-20 ta' Settembru 2002 fejn hija rriduciet it-talba taghha ghal Lm804.00.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Neville Camilleri in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' tmien mija u erba' liri Maltin (Lm804.00) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Frar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**